**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Geoffrey Cutajar)**
**(Spettur Omar Zammit)**

**-Vs-**

**MARZIA MARIMAR CALLEJA MAATOUK**

**Illum, 1 ta' Diċembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MARZIA MARIMAR CALLEJA MAATOUK** ta' 20 sena, bint Maria Teresa Zammit, imwielda Pieta' nhar it-3 t'April 2000, , residenti fil-fond nru. 95, Flt.1, Triq San Vincens, Sliema, detentriċi ta' karta ta` l-identita' numru 174000(L) akkużata talli nhar il-15 ta' Mejju 2020 u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-gżejjer:-

1. B'mezzi kontra l-liġi jew b'mezzi msemmijin fl-artikolu 179, għamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu mill-istess document.

3. U aktar talli naqset li tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqa mill-Qorti tal-Maġistrati, Dr. Doreen Clarke LL.D b'digriet datat 15 ta' Novembru 2019, li bih hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest fuq diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkomettix delitt ieħor ta natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' htija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2021 fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija u biex tiddisponi mit-talba magħmula mid-difiza fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021, qieset illi x-xhieda li tat l-imputata fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Jomic Calleja Maatouk**" fl-20 ta' Lulju 2020, li t-traskrizzjoni tagħha tinsab esebita fl-atti tal-proċeduri odjerni bħala Dok. EG2, hija prova ammissibbli fil-proċeduri odjerni;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2022;

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet ippreżentata mid-difiza fil-15 ta' Settembru 2022;

[1] Fol. 7 – Dok. GC.

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għad-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' falsifikazzjoni fi skrittura privata kif ukoll bir-reat ta' użu ta' dokument iffalsifikat, taħt l-Artikolu 187 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll li naqset milli tħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqha fid-digriet li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest.

Dawn l-akkużi nibtu minn testimonjanza li tat l-imputata nnifisha fl-20 ta' Lulju 2020 fil-proċeduri kriminali pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, bħala Qorti Istruttorja, fil-konfront ta' żewġha Jomic Calleja Maatouk[2], meta hija tressqet bħala xhud tad-difiża f'dawk il-proċeduri biex tixhed dwar skrittura tal-kiri ta' fond in sostenn tat-talba li għamel l-istess żewġha għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest f'dawk il-proċeduri. Din l-iskrittura, esebita fl-atti tal-proċeduri odjerni (Dok. EG1), datata 15 ta' Mejju 2020, tikkonċerna l-lokazzjoni tal-fond 9, Sunshine, Flat 8, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar, di proprjeta' ta' John Mifsud, liema fond kellu jiġi mikri mill-imputata u minn ċertu Ramzi Abdulhafid Ib Abukem, bħala ko-inkwilini, għal żmien sena.

Jirriżulta illi l-Qorti li kienet qed tippresjedi l-proċeduri kriminali fuq imsemmija li fihom xehdet l-imputata odjerna, ċioe' l-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jomic Calleja Maatouk**, esprimiet ir-riżervi li kellha dwar jekk il-fond mikri minnha ġewwa San Pawl il-Baħar kienx sejjer effettivament iservi bħala r-residenza tal-imputat quddiemha, u dwar il-mod kif ġiet iffirmata l-iskrittura tal-kiri. Kemm hu hekk, dik il-Qorti waqfet ix-xhieda tal-imputata odjerna waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda u ordnatilha biex tinżel minn fuq il-pedana tax-xhieda u mbagħad, kif jirriżulta mill-

[2] **Il-Pulizija v. Jomic Calleja Maatouk**, Każ Numru 123/2020.

verbal tas-seduta tal-20 ta' Lulju 2020[3], ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga d-depożizzjoni tagħha.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti, hi li l-ko-inkwilin, l-imsemmi Ramzi Abdulhafid Ib Abukem, qatt ma ffirma l-iskrittura tal-kiri peress li dak iż-żmien huwa kien qed jinżamm detenut fil-ħabs u fil-fatt, l-imputata ffalsifikat il-firma tiegħu fuq din l-iskrittura. Tikkontendi wkoll illi in segwitu, l-imputata għamlet użu minn din l-iskrittura li ġiet iffalsifikata bil-firma falza tal-ko-inkwilin, meta xehdet dwarha fil-proċeduri kriminali kontra żewġha u speċifikatament meta affermat illi f'każ li t-talba tiegħu għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest tintlaqa', huwa jkun ser jirrisjedi magħha fil-fond li hija kriet ġewwa San Pawl il-Baħar flimkien mal-imsemmi ko-inkwilin.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xiehda u s-segwenti huma l-punti saljenti li jemerġu minn eżami ta' din ix-xhieda, flimkien mal-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward:-

**John Mifsud**, is-sid tal-fond mikri, fix-xhieda tiegħu[4] ikkonferma illi l-persuni l-oħra li kienu preżenti meta l-iskrittura tal-kiri ġiet iffirmata fil-15 ta' Mejju 2020, kienu missieru Anthony Mifsud, l-imputata u s-sensar[5]. John Mifsud xehed ukoll li meta ġiet tiffirma l-kuntratt, l-imputata tatu kopja tal-karta tal-identita' tagħha kif ukoll kopja tal-karta tal-identita' ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem u d-dettalji tagħhom tniżżlu bil-miktub fuq l-iskrittura tal-kiri iżda dak il-ħin, **din l-iskrittura ġiet iffirmata biss minnu u mill-imputata**.

Dan ġie affermat minn **Anthony Mifsud**, missier is-sid, li xehed[6]: "*dakinhar saru żewġ firem ... waħda ta' Marzia u waħda tat-tifel*". Dan ix-xhud ikkonferma wkoll huwa ra biss lil ibnu u lill-imputata jiffirmaw l-iskrittura tal-kiri u ma kien hemm ebda

[3] Dok. X, fol. 115.
[4] 3 ta' Novembru 2020.
[5] Anthony Mifsud ukoll xehed li l-persuni prezenti meta ġie ffirmat il-kuntratt tal-kiri kienu huwa stess, ibnu John Mifsud, is-sensar u l-imputata. Xhieda tas-7 ta' Jannar 2021.
[6] Xhieda ta' Anthony Mifsud, 7 ta' Jannar 2021.

persuna oħra li ffirma l-kuntratt dakinhar[7], filwaqt li ċaħad li in segwitu kien reġa' ra l-kuntratt jew kopja tiegħu b'xi firem oħrajn fuqu. Xehed ukoll illi dak il-ħin, kif ġie ffirmat il-kuntratt, l-imputata ngħatat iċ-ċwievet tal-fond u telqet.

John Mifsud xehed ukoll illi din l-iskrittura kif ġiet iffirmata dakinhar tal-15 ta' Mejju 2020 b'żewġ firem, ċioe' bil-firma tiegħu u tal-imputata, ntbagħtet lill Awtorita' tad-Djar biex tiġi reġistrata iżda **ftit wara**, din intbagħtet lura peress li kien hemm xi ħaġa nieqsa. **Għalhekk huwa għadda l-iskrittura lill-imputata u ftit ġranet wara, reġgħet bagħtithielu lura bi tliet firem iżda t-tielet firma hu ma jafhiex għaliex il-persuna qatt ma rah**. Ikkonferma illi huwa ltaqa' darba waħda biss mal-imputata biex jiffirmaw il-kuntratt u dan fil-15 ta' Mejju 2020.

Meta xehed in kontro-eżami[8] John Mifsud innega li huwa qatt qal li l-kuntratt tal-kera ma ġiex aċċettat mill-Awtorita' tad-Djar għaliex kellu firma nieqsa u ċaħad ukoll li huwa kien xehed illi, in segwitu għal dan, il-kuntratt ġie aċċettat proprju għaliex żdiedet it-tielet firma. Huwa insista illi filwaqt li kienet oħtu li qaltlu biex jgħaddi l-kuntratt lill-imputata, oħtu qatt ma spjegatlu r-raġuni għaliex kellu jagħmel dan u ma qaltlux lanqas x'kellha tagħmel l-imputata bil-kuntratt ġaladarba jgħaddihulha. John Mifsud xehed illi huwa sempliċement għadda l-kuntratt lill-imputata għaliex l-ewwel darba kien hemm xi ħaġa nieqsa, u meta reġgħet għaddithielu lura, qaltlu biss "*lest, qaltli tista' terġa' tibagħtu lura.*"[9]

**Ramzi Abdulhafid Ib Abukem** xehed[10] illi permezz ta' ħuh Muhammed, huwa ftiehem mal-imputata li jikru residenza flimkien u jaqsmu bejniethom il-ħlas tal-kera u dan peress li dak iż-żmien huwa kien arrestat u ried jassigura li kellu indirizza fejn seta' jmur jirrisjedi biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Huwa qal li ma ffirma xejn iżda telefonikament u tramite ħuh, **kien ta struzzjonijiet lill-imputata biex tniżżel**

---

[7] "*Kien hemm tnejn minn nies. Marzia u ibni. Dawk it-tnejn rajthom jiffirmaw jien. Ma rajt lil ħadd iktar jiffirma. Qas is-senara ma iffirmat.*" Xhieda ta' Anthony Mifsud, 7 ta' Jannar 2021.
[8] Xhieda tas-6 ta' April 2022.
[9] Xhieda ta' John Mifsud, 6 ta' April 2022, fol. 158.
[10] Xhieda tal-14 ta' Diċembru 2020 u 26 ta' Jannar 2022.

**ismu fil-kuntratt tal-kera ("*not sign, write my name on the kuntratt, yes*")**. Ikkonferma wkoll illi sussegwentement, f'Lulju, l-imputata bagħtitlu ġewwa l-ħabs kopja tal-kuntratt tal-kera b'kunjomu mniżżel fuqu[11], liema kopja huwa mbagħad użaha biex jitlob għall-ħelsien mill-arrest. Għalkemm huwa ma kienx ingħata l-ħelsien mill-arrest bis-saħħa ta' dan il-kuntratt ta' kiri, Ramzi Abdulhafid Ib Abukem kkonferma li huwa ma sofra l-ebda preġudizzju b'konsegwenza tal-kuntratt li huwa awtorizza lill-imputata tniżżel ismu fuqu.

Din il-Qorti diġa' ppronunzjat ruħha permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Novembru 2021, dwar l-ammissibbilita' bħala prova tad-depożizzjoni mogħtija mill-imputata odjerna fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jomic Calleja**. Wara kollox, il-Kodiċi Kriminali stess tipprovdi, fl-Artikolu 658, illi konfessjoni u kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, b'liema mezz ikun, tista' tittieħed bi prova kontrih purche' din tkun saret volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ.

**L-imputata, Marzia Marimar Calleja Maatouk**, fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti diversament preseduta[12] fil-proċeduri kriminali kontra żewġha, stqarret illi hija ffirmat l-iskrittura ta' kiri tal-fond ġewwa San Pawl il-Baħar fil-15 ta' Mejju 2020 u fir-rigward l-involviment ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem f'din il-kirja, spjegat li dan kien "*biex tinqasam il-kera*". Meta ġiet mistoqsija jekk kienetx iffirmat hija stess il-firma fuq l-aħħar paġna tal-iskrittura, wieġbet fl-affermattiv u **kkonfermat illi hija ffirmat għal "*ħaddieħor*", ċioe' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem, għaliex "*is-sid ridni* (*sic.*) *... Is-sid qalli ikteb ismu fejn il-firma tiegħek*"** filwaqt li l-isem fuq l-ewwel faċċata tal-iskrittura kitibha s-sid stess.

Ikkunsidrat;

---

[11] Ix-xhud ikkonferma li l-kopja tal-kuntratt li huwa rċieva fil-ħabs hija l-kopja esebita fl-atti a folio 23A *et sequitur* (Dok. MCM1).
[12] Dok. EG2, 20 ta' Lulju 2020.

Illi mhux kontestat mid-difiża illi l-kopja legali u awtentikata tad-dokument konsistenti fl-iskrittura tal-kiri datata 15 ta' Mejju 2020, immarkat Dok. MCM1 fil-proċeduri kriminali kontra Jomic Calleja Maatouk u esebita fl-atti proċesswali tal-kawża odjerna bħala Dok. EG1, hija l-istess skrittura li saret referenza għaliha fix-xhieda tal-imputata fl-imsemmija proċeduri kriminali, f'liema skrittura l-imputata stqarret li hija kitbtet l-isem ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem fuq wara ħdejn il-firma tagħha u li dan għamlitu għaliex talabha tagħmel hekk is-sid innifsu. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istess Ramzi Abdulhafid Ib Abukem illi huwa stess kien ta struzzjonijiet lill-imputata biex tniżżel ismu fil-kuntratt tal-kera.

Il-Qorti tqis li huwa irrelevanti għall-akkużi li għandha quddiemha, ir-raġuni l-għala l-imputata ma involvietx lil żewġha Jomic Calleja fil-kirja u hi tal-fehma li dak li għandha tistħarreġ u tistabbilixxi f'dawn il-proċeduri huwa biss jekk l-imputata ffalsifikatx l-iskrittura tal-kiri in kwantu l-allegat firma tal-inkwilin l-ieħor, Ramzi Abdulhafid Ib Abukem li fiż-żmien tal-firma, kien qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija fil-ħabs.

Wara li għarblet ix-xhieda, il-Qorti fehmet illi l-imputata ma kitbitx il-firma ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem fil-15 ta' Mejju 2020 meta l-iskrittura ġiet iffirmata minnha u mis-sid John Mifsud. Mix-xhieda jirriżulta din il-firma żdiedet wara, meta l-kuntratt intbagħat lura mill-Awtorita' tad-Djar għaliex kien hemm firma nieqsa, firma li l-Qorti fehmet kellha tkun dik tal-ko-inkwilin, Ramzi Abdulhafid Ib Abukem, li flimkien mal-imputata jidher li kera l-fond flimkien magħha. Din il-konklużjoni tinsilet mingħajr diffikolta' mix-xhieda ta' John Mifsud kif ukoll ta' Anthony Mifsud.

Għalkemm John Mifsud meta xehed in kontro-eżami, ċaħad li huwa kien xehed preċedentement illi l-kuntratt ma ġiex aċċettat mill-Awtorita' tad-Djar meta ntbagħat b'żewġ firem biss u ċaħad ukoll li huwa kien iddikjara li l-kuntratt ġie aċċettat wara li huwa kien għadda l-kuntratt lill-imputata biex tiżdiedet it-tielet firma, **il-Qorti m'għandha l-ebda dubju kwalsiasi dwar dak li xehed quddiemha bla ebda tlaqliq l-istess John Mifsud fuq il-pedana tax-xhieda fit-3 ta' Novembru 2020 u m'hi**

**sejra tagħti ebda affidabbilita' jew piż lin-negazzjoni sussegwenti tiegħu ta' din it-testimonjanza**.

Għalhekk, tqis li huwa ppruvat sal-grad tal-probabbli mhux biss illi **fil-15 ta' Mejju 2020 l-kuntratt tal-kiri kien fih biss żewġ firem**, dik tal-imputata u dik tas-sid John Mifsud, iżda wkoll illi l-imputata, dakinhar, ma kitbet l-ebda firma ħdejn il-firma tagħha u tas-sid fil-15 ta' Mejju 2020. Huwa stabbilit ukoll mix-xhieda illi l-oriġinal tal-kuntratt tal-kiri kien intbagħat lill-Awtorita' tad-Djar wara li ġie ffirmat fil-15 ta' Mejju 2020 b'żewġ firem biss u kien biss wara li dan reġa' ntbagħat lura mill-istess Awtorita', illi ġiet miżjuda firma oħra, ossia t-tielet firma, allegatament ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem u allegatament falza.

Huwa minnu li l-imputata ammettiet fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti fl-20 ta' Lulju 2020, li kitbet dan l-isem hija stess ħdejn il-firma tagħha u dan għaliex talabha jagħmel hekk is-sid stess. Huwa minnu wkoll li din konfessjoni li tiswa bħala prova tal-ħtija tal-imputata għaliex ma jirriżultax li ma saritx volontarjament. Madanakollu, **l-imputata ma qalitx meta ġiet effettivament mitluba mis-sid li żżid l-isem ta' Ramzi ħdejn il-firma tagħha, jekk kienx dakinhar li saret l-iskrittura tal-kiri fil-15 ta' Mejju 2020 jew in segwitu, meta reġgħet irċeviet l-iskrittura mis-sid wara li din ġiet riġettata mill-Awtorita' tad-Djar**.

Minbarra dan, hija nieqsa prova konkreta illi kienet proprju l-imputata li kitbet il-firma allegatament ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem fuq l-istess skrittura tal-kiri. Kif diġa' ngħad, John Mifsud ikkonferma illi l-kuntratt kif ġie ffirmat fil-15 ta' Mejju 2020, b'żewġ firem, ċioe' l-firma tiegħu u l-firma tal-imputata, kien intbagħat lura mill-Awtorita' tad-Djar u ma ġiex aċċettat għall-fini ta' reġistrazzjoni skont il-liġi, għaliex kien fiha xi ħaġa nieqsa. **Dan il-kuntratt hu għaddih lill-imputata u wara ftit ġranet, hi reġgħet għadditulu lura bi tliet firem u din id-darba, l-Awtorita' tad-Djar ma reġgħetx bagħtitu lura**.

Huwa minnu li jirriżulta illi l-kuntratt kif intbagħat lill-Awtorita' tad-Djar b'żewġ firem biss ma ġiex aċċettat u John Mifsud reġa' għaddih lill-imputata biex tagħmel dak meħtieġ u meta dan il-kuntratt l-imputata reġgħet għaddietu lil John Mifsud, kien fih tliet firem. Huwa minnu wkoll illi Ramzi Abdulhafid Ib Abukem ċaħad fix-xhieda tiegħu li huwa qatt iffirma dan il-kuntratt, **iżda dan ma jfissirx li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li kienet l-imputata li kitbet din il-firma hija stess**. Kemm hu hekk, ħadd ma xehed li ra lill-imputata tikteb hija stess din il-firma fuq l-iskrittura tal-kiri.

Ikkunsidrat;

**Ilil għandu jingħad ukoll, lil hinn minn dak appena kunsidrat u f'kull każ li jkun, illi l-provi kollha jikkonkordu illi l-firma allegatament falza, anke jekk għal mument jiġi aċċettat li saret mill-imputata, żgur ma saritx fil-15 ta' Mejju 2020 izda biss in segwitu, meta l-kuntratt intbagħat lura lil John Mifsud jew lil oħtu mingħand l-Awtorita' tad-Djar għaliex kien hemm xi rekwiżit nieqes**. Dan ifisser illi jekk verament l-imputata iffalsifikat il-firma ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem fuq l-iskrittura tal-kiri, din il-falsifikazzjoni seħħet mhux fil-15 ta' Mejju 2020 iżda wara.

Madankollu, l-imputata ġiet mixlija li hija ffalsifikat id-dokument "*nhar il-15 ta' Mejju 2020 u fix-xhur u snin ta' qabel*", meta kif rajna, ma nġiebet l-ebda prova konklussiva li tikkonvinċi lill-Qorti illi l-imputata għamlet xi falsifikazzjoni fl-iskrittura tal-kiri fil-15 ta' Mejju 2020, wisq inqas qabel din id-data. Il-provi proċesswali juru biss li fil-15 ta' Mejju 2020, isem Ramzi Abdulhafid Ib Abukem u l-konnotati tiegħu ġew imniżżlin fuq l-ewwel paġna tal-iskrittura bħala wieħed mill-persuni li kienu qegħdin jikru l-fond mingħand John Mifsud, ċioe' wieħed mill-ko-inwkilini iżda evidentement, kienet nieqsa l-firma tiegħu fuq l-aħħar paġna tal-iskrittura tant illi din l-iskrittura bil-firem biss tal-imputata u tas-sid, ma ġiex reġistrata mill-Awtorita' tad-Djar.

Kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni juru illi sal-15 ta' Mejju 2020 l-iskrittura tal-kiri ma kienetx ġiet falsifikata biż-żieda ta' xi firma falza jew wieħed mill-mezzi oħrajn imsemmija fl-Artiklu 179 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, anke jekk verament l-imputata ammettiet li niżżlet l-isem ta' Ramzi Abdulhafid Ib Abukem ħdejn il-firma tagħha u tas-sid fuq l-aħħar paġna tal-kuntratt tal-kiri, huwa raġjonevolment eskluż mill-provi illi hija wettqet din il-falsifikazzjoni fil-parametri temporali msemmija fiċ-Ċitazzjoni.  Madanakollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet qatt ma talbet korrezzjoni fl-indikazzjoni taż-żmien tal-kommissjoni tar-reat biex dan jiġi jirrifletti r-riżultanzi tal-provi li t-tielet firma allegatament falz, saret mhux fil-15 ta' Mejju 2020 iżda wara din id-data.

Konsegwentement, il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 179 tal-Kodiċi Kriminali, kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqstant, billi mill-provi akkwiżiti l-imputata qatt ma tista' tinstab ħatja li kkommettiet ir-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni fil-15 ta' Mejju 2020 u fix-xhur u snin ta' qabel, mhux meħtieġ li ssir indaġni biex jiġi stabbilit jekk l-elementi kostitittivi materjali u formali tar-reat ta' falsifikazzjoni fi skritturi privati taħt l-Artikolu 187 tal-Kap. 9 - permezz ta' firem foloz, b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa - ġewx ippruvati.

Ikkunsidrat;

Il-korollarju inevitabbli tal-fatt illi l-provi juru li jekk l-iskrittura tal-kiri ġiet falsifikata, dan seħħ wara l-15 ta' Mejju 2020, hu illi l-imputata ma tista' qatt tinstab ħatja li għamlet użu minn dokument iffalsifikat.  Hu evidenti li kwalsiasi użu li seta' dan mill-iskrittura privata kif iffalsifikata, fosthom l-okkupazzjoni mill-imputata tal-fond mikri u l-użu tal-istess skrittura in sostenn tat-talba ta' żewġha għall-għoti tal-

ħelsien mill-arrest fil-proċeduri kriminali **Il-Pulizija v. Jomic Calleja**[13], seta' sar **biss wara** l-firma falza u għalhekk, ir-reat kif addebitat fit-tieni imputazzjoni taċ-Ċitazzjoni ma setax ġie kommess fil-parametri ta' żmien imsemmija fl-istess Ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata ġiet mixlija wkoll fit-tielet imputazzjoni bir-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap, 9 ċioe' illi hija naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha fid-digriet datat 15 ta' Novembru 2019 li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest[14]. Kif stabbilit, ma ġiex ippruvat li l-imputata ikkomettiet ir-reati taħt l-Artikolu 187(1) u (2), li ġew addebitati lilha fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni u għalhekk mhuwiex ippruvat li hija kisret il-kundizzjoni bin-numru 4 tal-imsemmi digriet, ċioe' li kommettiet delitt ta' natura volontarja waqt li kienet meħlusa mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova oħra li l-imputat kkomettiet delitt ieħor waqt li kienet fis-seħħ id-digriet tal-15 ta' Novembru 2019 u lanqas ġabet xi prova li hija kisret xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra elenkati fl-istess digriet.

Għaldaqstant, l-imputata sejra tiġi liberata wkoll mit-tielet imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil MARZIA MARIMA CALLEJA MAATOUK ħatja ta' ebda waħda mir-reati addebitati lilha fiċ-Ċitazzjoni u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[13] Mill-atti, senjatament Dok. MLM1 Fol. 181 *et seq.*), jirriżulta li din l-iskrittura tal-kiri ġiet esebita minn Jomic Calleja in konnessjoni mat-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest, permezz ta' nota pprezentata fit-13 ta' Lulju 2020.
[14] Dok. EGF1, fol. 53 *et seq*.